**15 ta' Jannar, 1957**

Imħallef:—

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

***Carmelo Petroni pr. et ne. versus Joseph Fenech***

**Azzjoni Rivendikatorja — Serq — Telf — Kjamata fil-Kawża — Art. 596 (1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili**

*L-azzjoni ta' rivendika ta' ħaġa mitlufa jew misruqa għandha tiġi eżerċitata minn min huwa l-proprjetarju ta' dik il-ħaġa jew minn min ikun fil-pussess tagħha; u l-istess azzjoni ma tistax tiġi ntentata ħlief kontra min ikollu l-ħaġa f'idejh, anki jekk ikun sempliċi detentur li ma jkunx veru possessur tagħha; f'liema l-aħħar każ, l-istess detentur jista' jgħajjat fil-kawża l-persuna li fl-isem tagħha huwa jkun qiegħed jiddetjeni l-ħaġa.*

*Għaldaqstant, is-sid ta' ħaġa li ġiet lilu misruqa, u li tinsab għand persuna oħra, jaġixxi sewwa, għar-restituzzjoni lilu ta' dik il-ħaġa, jekk huwa jiddiriġi l-azzjoni tiegħu kontra dik il-persuna l-oħra biss li għandha l-ħaġa f'idejha biex jirrivendika mingħajr indennizz, billi huwa jippretendi li dik il-persuna l-oħra mhijiex fil-pożizzjoni li tipprova li hija rċeviet dik il-ħaġa in bwona fede, b'titolu oneruż, u minn għand verosimilment seta' kien il-proprjetarju tal-ħaġa jew minn għand xi persuna nkarikata mill-proprjetarju biex jiddisponi minnha.*

*F'azzjoni simili mhix meħtieġa l-preżenza, għall-integrità tal-ġudizzju, tal-persuna li minn għandha d-detentur tal-ħaġa jkun rċeviha; jekk dan id-detentur jidhirlu li dik il-persuna tista' b'xi mod tiddefendieh, huwa jista' jagħżel li jsejjaħ lil dik il-persuna fil-kawża.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attur proprio et nomine, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni, billi l-attur, per mezz tal-institur tiegħu Joseph Petroni, biegħ lil ċertu Guido

Fenech bis-sistema tal-"hire-purchase system", refrigeratur "Basile" ta' kames "cubic feet", skond skrittura li ġġib id-data tal-ewwel ta' Awissu 1956, depożitata fl-oriġinal tagħha fl-inkartament tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Guido Fenech", u ta' liema skrittura kopja qegħedha tiġi hawn unita u markata dok. "A"; u billi fost il-pattijiet ta' dik l-iskrittura hemm anki dawk illi l-imsemmi refriġeratur għandu jibqa' ta' proprjetà esklużiva tal-bejjiegħ sal-ħlas tal-prezz kollu, u illi kull bejgħ tiegħu qabel ma jitħallas il-prezz ikun illegali; u billi l-imsemmi Guido Fenech, ftit granet wara li ħa l-konsenja tar-refriġeratur, abużivament biegħu lill-konvenut Joseph Fenech, b'mod li ġie frodat l-attur; u billi l-konvenut akkwista dan ir-refriġeratur in mala fede, kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża; u billi għalhekk l-attur hu bil-liġi ntitolat li jirrivendika minn għajr indennizz dan ir-refriġeratur, hekk lilu frodat mingħand il-konvenut, akkwirent u possessur in mala fede; talab li l-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti li jirrestitwixxi u jikkonsenja lill-attur proprio et nomine, fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, l-imsemmi refriġeratur "Basile" ta' proprjetà tal-attur proprio et nomine, u dan stante li l-konvenut akkwista l-istess refriġeratur in mala fede; salvi drittijiet oħra; u salvi d-danni. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-14 ta' Novembru 1956;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, fuq l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenut fl-ewwel lok, fis-sens li l-ġudizzju mhux integru għar-raġuni hemm addotta minnu, huwa tajjeb li jingħad, qabel xejn, li l-azzjoni ta' rivendika ta' ħaġa mitlufa jew misruqa għandha tiġi eżerċitata minn min huwa proprjetarju jew min ikun fil-pussess tal-ħaġa (ara Cassazione Torino 5 ta' Ottubru 1911, Gazz. Torinese, 1647); u l-istess azzjoni ma tistax tiġi ntentata ħlief kontro min ikollu l-ħaġa f'idejh, anki

jekk ikun sempliċi detentur li ma jkollux veru pussess; f'liema l-aħħar każ l-istess detentur jista jgħajjat fil-kawża l-persuna li fl-isem tagħha huwa jkun qiegħed jiddetjeniha;

Illi l-attur ma hux qiegħed jaġixxi kontra l-konvenut tal-lum in forza tal-kopja tal-iskrittura eżibita, li fiha l-istess konvenut mhuwiex parti, imma għażel li jiġġustifika biha l-kwalità tiegħu ta' proprjetarju tal-ħaġa kontroversa, u li minnha, kif jallega, ġie derubat minn Guido Fenech; u mexxa l-proċedura kontra l-konvenut peress li jinsab fil-pussess tagħha, kif ukoll l-għaliex jirritjeni li l-istess konvenut mhux fil-pożizzjoni li jipprova kumulativament (1) li rċeviha in bwona fede, (2) b'titolu oneruż, (3) u minn min verosimilment seta' kien il-proprjetarju jew persuna mill-proprjetarju nkarikat jiddisponi minnha; u talab li jirrivendikaha mill-istess konvenut bl-eżenzjoni mill-obligu li jħallas indennizz; b'liema ndennizz normalment, meta jirrikorru t-tliet rekwiżiti fuq imsemmija, min jitlef ħaġa jew ikun ġie misruq minnha, jista' u għandu jirrivendikaha minn għand il-possessur tagħha; u dan skond ma trid il-liġi (ara art. 596 (1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili; u Appell 6 ta' Mejju 1927, "Catania vs. Azzopardi", Vol. XXVI-I-787; Prim'Awla Ċivili 11 ta' Diċembru 1934, "Stivala vs. Cini et.", Vol. XXIX-II-153; Prim'Awla Ċivili 9 ta' Diċembru 1943, "Bowen Buscarlet ne. vs. Joseph Fiteni et.", Vol. XXXI-I-158; Appell 3 ta' Ġunju 1946, "La Rosa vs. Farrugia", Vol. XXXII-I-628; Prim'Awla Ċivili 2 ta' Diċembru 1946, "Inwood ne. vs. Tabone", Vol. XXXII-II-492; Prim'Awla Ċivili 31 ta' Marzu 1952, "Cooper vs. Busuttil et.", Vol. XXXVI-II-422; Appell 11 ta' Novembru 1859, "Demajo vs. Cini", Vol. I, paġ. 314);

Illi, jekk għal xi raġuni jew oħra, li huwa biss fil-pożizzjoni li jaf, il-konvenut jirritjeni li Guido Fenech, li biegħ lilu l-ħaġa kontroversa, jista' jiddefendieħ, per eżempju biex jgħid li fil-fatt huwa kien intitolat jiddisponi minnha, huwa jista', jekk hekk jogħġbu jagħżel, isejjaħlu in kawża;

Illi kwindi, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, l-eċċezzjoni tal-konvenut mhix ġustifikata; l-għaliex il-preżenza fil-ġudizzju ta' rivendika tal-persuna li tkun għamlet id-delitt kontemplat fil-liġi mhix imprexxindibilment meħtieġa;

Għalhekk tiċħadha; bl-ispejjeż.